



0086/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tfal li jitħallew fil-pajjiżi ta' orġini ta' ġenituri li jaħdmu barra minn pajjiżhom

Victor Negrescu (S&D), Viorica Dăncilă (S&D), Cătălin Sorin Ivan (S&D), Daciana Octavia Sârbu (S&D), Ivan Jakovčić (ALDE), Filiz Hyusmenova (ALDE), Norica Nicolai (ALDE), Sergei Stanishev (S&D), Patricija Šulin (PPE), Inés Ayala Sender (S&D)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont ir-Regola 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar it-tfal li jitħallew fil-pajjiż ta' oriġini ta' ġenituri li jaħdmu barra minn pajjiżhom¹

1. L-għadd ta' tfal li l-ġenituri tagħhom li jmorru jaħdmu f'pajjiż ieħor iħalluhom warajhom huwa inċert. L-NGOs stmaw li l-għadd ta' tfal li tħallew fl-2012 fl-Istati Membri kien ta' madwar 500 000.
2. Il-maġġoranza kbira tagħhom huma fir-Rumanija, il-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Bulgarija u l-Estonja.
3. Dawn it-tfal jiffaċċjaw bosta effetti negattivi tal-migrazzjoni tal-ġenituri, inklużi problemi relatati mal-ħajja tal-iskola, bħall-prestazzjoni li tiddeterjora, tnaqqis fl-attenzenza u nuqqas ta' motivazzjoni; huma wkoll vulnerabbli għat-traffikar tal-bnedmin u għall-isfruttament tax-xoġhol.
4. Għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-integrazzjoni tat-tfal li jitħallew fil-pajjiż tal-oriġini permezz tal-monitoraġġ u l-appoġġ tal-prestazzjoni edukattiva tagħhom, billi jingħataw assistenza psikoloġika bbażata fuq kompetenza esperta, l-appoġġ għall-komunikazzjoni kontinwa tagħhom mal-ġenituri u l-forniment ta' pariri fl-iskejjeż u dwar il-karrieri.
5. Għalhekk il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna twettaq studju sabiex tivvaluta s-sitwazzjoni tat-tfal li tħallew mill-ġenituri tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini u biex tinġabar data mill-UE kollha dwar dan il-fenomenu.
6. Il-Kummissjoni hija mitluba wkoll tevalwa l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE u biex tikkunsidra l-possibbiltà li tnedi konsultazzjoni pubblika dwar Strateġija Ewropea futura għat-tfal li jitħallew fil-pajjiż tal-oriġini bil-ħsieb li tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tippromwovi l-integrazzjoni aħjar ta' dawn it-tfal fis-sistemi tal-edukazzjoni u tas-saħħa tal-Istati Membri.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.